MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2011

Numru 974/2005

Il-Pulizija
(Spettur Ian Joseph Abdilla)

vs

Hertha Formosa

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputata ta' karta ta' identita numru 272171M, akkuzata talli f' Awissu 2004, u fil-granet u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1. iffalsifikat cedula, polza, ordni, jew dokumenti ohra, illi meta jigu prezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta'oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment

publiku iehor imwaqqaf jew maghruf b’xi att pubbliku tal-Gvern; kif ukoll talli xjentament ghamilt uzu minnhom;
*(Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 18, 167 u 169 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta)*

2. fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, ghamlet falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqot pattijiet, dispozizzjonijiet, jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhlet dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi ziedet jew biddlet klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw; kif ukoll talli xjentement ghamlet uzu mill-istess att, kitba jew skrittura falza;
*(Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 18, 183 u 184 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta)*

3. fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, xjentement ghamlet uzu minn dikjarazzjoni falza jew certifikat falz, maghmul jew moghti, minn ufficjal jew impjegat pubbliku illi, minhabba il-kariga jew l-impjieg tieghu, hu fid-dmir li jaghmel jew jaghti dikjarazzjoni jew certifikat; kif ukoll talli xjentament ghamlet uzu minn falsifikazzjoni li saru minn xi persuna/i li mhix ufficjal jew impjegat pubbliku b’abbuz ta’ awtorita;
*(Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 18 u 186 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta)*

4. fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, xjentement ghamlet uzu minn skrittura privata iffalsifikata li tkun tista’ taghmel hsara lil xi persuna jew iggib utli;
(Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 18 u 187(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta)

5. fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, ghamlet falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamlet uzu minn xi dokument iehor falsifikat;
(Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 18 u 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta)

Il-Qorti mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti. Mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali.

Semghet lill-imputata taghti l-kunsens taghha sabiex il-kawza ssir sommarjament.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

Ir-rinviju ghall-gudizzju mahrug mill-Avukat Generali jixli l-imputata bir-reat ta' falsifikazzjoni ta' dokumenti u l-uzu scenti taghhom, b'falsifikazzjoni ta' atti pubblici, kummercjali jew ta' bank privat u l-uzu scenti taghhom, b'falsifikazzjoni fi skritturi privati u b'falsifikazzjoni in generali.

Il-fatti li taw l-origini tal-proceduri hija rikjesta ghall-self li l-imputata ghamlet lill-bank privat fuq istigazzjoni ta' terzi, liema self kien intiz sabiex l-imputata tixtri dar. Ghal dan il-fini l-imputata assistita mill-istess terzi ssottomettiet lil Bank ikkoncernat dokumenti li kienu foloz u li kienet taf li kien jixhdu l-falz.

Rat ghalhekk l-Artikoli tal-ligi citati mill-Avukat Generali fir-rinviju ghall-gudizzju, senjatament, l-Artikolu 167, 169, 183, 184, 187(1)(2), 189, 17(b), 18, 31;

Tiddikjara hatja tar-reati li bihom tinsab akkuzata;

Qiset l-attenwanti generici u l-fedina penali nadifa taghha. Tiddeciedi li tapplika kontra l-imputata l-Artikolu 22 tal-Kap

446 b'daqstant li tilliberaha sakemm ma taghmilx reat iehor zmien sentejn mill-lum.

Fl-ahharnett tinnota li ma jirrizultax li gew inkorsi xi spejjes f'dawn il-proceduri.

Il-Qorti spjegat ir-responsabbilitajiet li johorgu mis-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------